Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI TAS- SITTA U GĦOXRIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 26 ta' Lulju 2013

**Ħin:** Mill-9.05am sat-11.40am

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħamsa u Għoxrin laqgħa tas-Seba' Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Ħamsa u Għoxrin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Viċi Sindku is-Sur Joseph Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-Segretarju informa lill-Kunsill rigward it-talba li saret mill-Ministeru tal-Enerġija għat-twaħħil ta' lampa ġdida quddiem Melita Gardens, l-applikazzjoni triq issir min naħa tal-Kunsill. Is-Segretarju ser iqabbad il-kuntrattur tad-dawl biex jissottometti din l-applikazzjoni.

Il-Kunsillier is- Sur Desmond Zammit Marmara' ikkumenta dwar kif qed isiru x-xogħolijiet fil-pjazza fejn il-kuntrattur ma ħax ħsieb li jieħu miżuri f'dak li jirrigwarda s-saħħa u s-sigurta tan-nies li jgħaddu minn hemm kif ukoll dwar il-kwalita' u d-dewmien tax-xogħol kif qed isir mill ħaddiema tal-kuntrattur. Is-Sindku ser ikellem lill-kuntrattur biex mingħajr aktar dewmien jimplementa dawn il-mizuri.

Is- Sur Zammit Marmara' qajjem il-punt fuq il-kaz tal-bankina kif ppjantata fejn semma li ser ikun ta' periklu għas-sewwieqa jekk il-bankina li tiġi faċċata tal-ġnien pubbliku fil-pjazza tibqa' ħierġa 'l barra ħafna faċċata tal-kazin Maria Annunzjata, kif ukoll dwar il-periklu li tista' toħloq jekk issir bankina fi Triq Il-Kbira mal-ġenb tal-Każin Marija Annunzjata l-isfel.

Is- Sindku wieġeb li fit-8 ta' Lulju 2013, il-perit tal-Kunsill fuq talba ta' Transport Malta bgħatilhom il-

pjanti biex inkunu f'posizzjoni aħjar li jevalwaw il-proposta tal-Kunsill fejn kienet qed isir it-talba biex tiċkien il-bankina imma sa llum għadna ma rċevejnix risposta. Is-Sur Zammit Marmara qal li għandu jkun il-kunsill li jinsisti ma l-Awtoritajiet konċernati biex mingħajr aktar dewmien il-Kunsill tingħatalu deċiżjoni.

Il-Kunsilliera s- Sur D. Zammit Marmara u s-Sur S. Gatt taw dettalji lill-Kunsill dwar is-seminar li sar fuq L-EU funding għas-snin 2013-2019

## 3. Zuntier tal-Knisja

Is- Segretarju Eċekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva ittra mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa, Dun KalcidonVassallo fejn qed jitlob lill-Kunsill biex jiffirma din-littra fejn qed jobbliga ruħu li jibni mill-ġdid, a spejjeż tiegħu, il-parti tal-kanċell taz-zuntier li ġarbet ħsarat. Is- Sindku qal li bħala Kunsill u kif ġejna ġġwidati mill-Avukat tal-Kunsill ma għandna ebda reponsabbilta' legali li ngħamlu dan ix-xogħol pero' qed nippruvaw naraw kif bħala sens ta' komunita u bla ebda preġudizzju tkun tista' tingħata għajnuna finanzjarja għal dan il-għan. Fil-fatt il-Kunsill għandu f'idejħ xi kwotazzjonijiet tax-xogħolijiet li jridu jsiru biex ikollu idea ta' l-ammont li jrid jitħallas.

Is- Sur Zammit Marmara' ma jaqbilx ma' l-argument tas-sens ċiviku għaliex hawnhekk ser jinħoloq preċedent li ser ikollhom reperkusjonijiet kemm lokali, kif ukoll fuq livell nazzjonali. Huwa talab li bħala Kunsill għandu jitlob għal direzzjoni mingħand d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Is- Sindku talab lis-segretarju biex jikteb lid-Dipartiment biex tingħata din id-direzzjoni kif ukoll jitlob lill-Avukat tal-Kunsill biex jirrispondi għall-ittra tal-Kapillan.

## 4. Korrispondenza

Ittra mingħand resident li joqgħod fi Triq Il-Providenza Sqaq Nru 3 fejn qed jirreferi għal permess tal-MEPA Nru. 4218/02 fuq propjeta 38, Triq Il-Provodenza. Il-Kunsill talab lis-segretarju biex jikteb lill-MEPA fejn qed jitlob li tingħata kjarifikazzjoni u spjegazzjoni fuq l-impatt li ser ikollu dan it-tip ta' permess fuq dan l-isqaq.

MEMO Nru 17/2013- Skema ta' Għajnuna Finanzjarja. Il-Kunsill talab lis-segretarju biex joħroġ sejħa pubblika għal- kwotazzjonijiet.

Ittra mingħand mingħand resident biex il-Kunsill jattendi għal laqgħa konsultattiva dwar ir-Revizjoni tal-Pjan Lokali. Il-Kunsill attenda bi ħġaru għal din il-laqgħa.

Ittra mingħand il-MEPA fejn qed jitolbu li ssir laqgħa mal-Kunsill dwar ir-revizjoni tal-pjan lokali għal-Ħal Balzan. Il-Laqgħa ser issir nhar l-Erbgħa, 7 ta' Awwissu 2013.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 5. Ilmenti.

Ilmenti mingħand residenti fuq il-miżbla li qed iħallu n-nies madwar il-Bring in Site li jinsab ġewwa Triq il-Wied. Hekk kif din il-problema tidher li diffiċli biex tiżżolva, il-Kunsill talab lis- segretarju biex jikteb lil dawk il-kumpaniji li joffru sistema ta' moniteraġġ permezz ta' CCTV cameras biex tingħata kwotazzjoni.

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 6. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is- Sindku informa lill-Kunsill li l-proġett ERDF 2015 irid jitlesta inkluz il-proċess ta' invoices irid jitlesta sa' l-aħħar ta' Settembru 2013.

Is- Sindku talab lis- Segretarju biex jerġa jinfurma lil-dawk l-entitajiet li wrew interess li flimkien mal-Kunsill jinstab post alternattiv ta' ufiiċċini minn fejn jkunu jistgħu jkomplu joffru s-servizzi tagħhom. Ma jistax jintelef aktar ħin fuq din il-kwistjoni u s-Sindlu talab li din ir-risposta tingħata sat-13 ta' Awwissu 2013 biex tkun tista' ssir laqgħa mas- Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Kunsilli Lokali Dr. Jose' Herrera fuq talba tal-Kunsill u li huwa aċċetta.

## 7. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sas-26 ta' Lulju 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 23,290.92.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara' li kien issekondat mill-Viċi Sindku is-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 8. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Is-Sur Desmond Zammit Marmara ressaq talba ta' residenta fuq xi siġar taċ-citru li jinsabu f'propjeta ġewwa Triq Il-Ferrovija l-Qadima. Is- Segretarju infurma li diġa ttieħdet azzjoni u ġet infurmata l-MEPA. Is- Sur Marmara ressaq xi ilmenti oħra ta' resident li joqgħdu fi Triq Santa Marija Sqaq Nru 1 kif wkoll minn Triq It-Tlett Knejjes. Ser tittieħed azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

Is- Sur Guido Borg tkellem fuq id- Day Care Center fejn hija x-xewqa tal-Kazin San Gabriel li dan iseħħ u diġa saru xi rapporti u ntbgħatu lis- Segretarjat tas- Segretarju Parlamentari għall-Anzjani għall-kunsiderazzjoni.

Is- Sindku talab lis-segretarju ezekuttiv jekk kopja ta' dan ir-rapport inbgħatx lill-Kunsill fejn is- segretarju eżekuttiv wieġeb fin-negattiv. Is- Sindku qal li jkun xieraq kieku il-Kunsill ikollu f'idejħ dan ir-rapport u jkollu inkuz fih it-total ta' l-ispiża kapitali u ta' kif ser jitmexxa dan il-proġett qabel ma wieħed jibda jiddiskuti fuq livell ta' Kunsill.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 14 ta' Awwissu 2013 fid-9am.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data